MARSAXLOKK

Kunsill Lokali - Marsaxlokk - Local Council
2 Triq Vittorio Cassar
Marsaxlokk MXK 1051
Tel 21652525, 21650937, Fax 21659555
e-mail : marsaxlokk.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

# Laqgħa tal-Kunsill

Inti ġentilment mitlub biex tattendi ghal kontinwazzjoni tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk li ser issir fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, **nhar l-Erbgha 17 ta' Frar 2016 fl-10:00 a.m.**

Duncan Hall
Segretarju Eżekuttiv

Illum l-10 ta' Frar 2016
Nru 16

## Aġenda

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti mqajjma mill-Minuti
3. Komunikazzjonijiet tas-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Korrispondenza
6. Materji u rapporti tal-Kumitati/Sotto-Kumitati
7. Rapporti minn Uffiċjali u membri tal-Kunsill Lokali
8. Materji Finanzjarji
9. Sejħiet għall-offerti/kwotazzjonijiet
10. Approvazzjoni ta' ħlasijiet
11. Approvazzjoni ta' petty cash
12. Approvazzjoni ta' works/purchase orders
13. Mozzjonijiet
14. Attivitajiet
15. Materji oħra
16. Aġġornament tal-laqgħa

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, seduta nru 16, li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar l-Erbgha 17 ta' Frar 2016 fl-10:00 a.m.

1. **Prezenti :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Horace Gauci (H.G.) |
| Viċi-Sindku | Steven Grech (S.G.) |
| Kunsilliera | Daniel Zerafa (D.Z.)<br>Janice Chetcuti ( J.C.)<br>Stephen Caruana (S.C.) |
| Segretarju Ezekuttiv | Duncan Hall (D.H.) |

Membri tal-pubbliku prezenti : 0

**Agenda ghal-laqgha :**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti mqajjma mill-Minuti
3. Komunikazzjonijiet tas-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Korrispondenza
6. Materji u rappori minn kumitati/sotto-kumitati
7. Rapporti minn ufficjali u membri tal-Kunsill Lokali
8. Materji Finanzjarji
9. Sejhiet ghall-offerti/kwotazzjonijiet
10. Approvazzjoni ta' hlasijiet
11. Lista ta' petty cash
12. Lista ta' works orders/purchase orders
13. Mozzjonijiet
14. Attivitajiet
15. Materji oħra
16. Aġġornament

**Talba**

Is-Sur Horace Gauci flimkien ma' dawk prezenti qal it-talba

**16/01** **Qari tal-Minuti**

16/01/01 Din il-materja giet ezawrita fl-ewwel parti tal-laqgha

**16/02** ***Arisings* mill-Minuti**

16/02/01 Din il-materja giet ezawrita fl-ewwel parti tal-laqgha

**16/03** **Komunikazzjonijiet tas-Sindku**

16/03/01 Din il-materja giet ezawrita fl-ewwel parti tal-laqgha

**16/04** **Mistoqsijiet lis-Sindku**

16/04/01 Din il-materja giet ezawrita fl-ewwel parti tal-laqgha

**16/05** **Korrispondenza**

16/05/01 Din il-materja giet ezawrita fl-ewwel parti tal-laqgha

**16/06** **Materji u rapporti tal-kumitati / Sotto- Kumitati**

16/06/01 Din il-materja giet ezawrita fl-ewwel parti tal-laqgha

**16/07** **Rapporti minn ufficjali u membri tal-Kunsill Lokali**

16/07/01 Din il-materja giet ezawrita fl-ewwel parti tal-laqgha

**16/08** **Materji Finanzjarji**

16/08/01 Din il-materja giet ezawrita fl-ewwel parti tal-laqgha

**16/09** **Sejhiet ghall-Offerti/ Kwotazzjonijiet**

16/09/01 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi b'referenza ghal sejha ghall-offerti numru MXLC04/2015 (Cleaning and maintenance of parks and gardens using environmentally friendly materials and practices) wara li kien ghalaq il-perjodu ghas-sottomissjonijiet tal-offerti, l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet hadet hsieb thejji d-dokumenti kollha mehtiega sabiex il-bord ta' evalwazzjoni mahtur mill-Kunsill Lokali ikunu jista jiltaqa' u jevalwa l-offerti ricevuti u jaghmel ir-rakkomandazzjoni tieghu lill-Kunsill Lokali. Is-Sur Hall zied jghid illi l-bord kien iltaqa' hekk kif maqbul u hejja rapport li permezz tieghu irrakkomanda lill-Kunsill Lokali illi s-sejha ma tigix aggudikata u tinhareg sejha ghall-offerti mill-gdid. Huwa zied jghid illi r-rakkomandazzjoni tal-bord kienet ibbazata fuq il-fatt illi fl-opinjoni tal-membri tal-bord, kien rakkomandabbli illi fid-dokument tas-sejha jizdiedu z-zoni li l-kuntrattur maghzul kellu jiehu hsieb.

16/09/02 Wara diskussjoni libera, fuq kunsiderazzjoni tas-Sur Horace Gauci issekondat mis-Sur Steven Grech, il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi kellha tigi milqugha r-rakkomandazzjoni tal-bord ta' evalwazzjoni u tinhareg sejha ghall-offerti mill-gdid ghax-xoghol in-kwistjoni

**16/10** **Approvazzjoni ta' hlasijiet**

16/10/01 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill skeda ta' pagamenti (Skeda Nru. 2/2016) ghall-approvazzjoni.

16/10/02 Fuq mozzjoni tas-Sur Steven Grech, issekondat mis-Sur Daniel Zerafa, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

## 16/11 Lista ta' Petty Cash

16/11/01 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill lista ta' petty cash mahrug matul Jannar 2016

16/11/02 Wara kunsiderazzjoni tas-Sur Stephen Caruana, issekondat mis-Sur Steven Grech, il-Kunsill unanimament approva l-lista msemmija li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

## 16/12 Approvazzjoni ta' works orders/Purchase orders

16/12/01 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill lista ta' works orders/purchase orders mahruga mill-Kunsill Lokali matul ix-xahar ta' Jannar 2016.

16/12/02 Wara kunsiderazzjoni tas-Sur Steven Grech, issekondata mis-Sa. Janice Chetcuti, il-Kunsill unanimament approva l-lista imsemmija li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti

## 16/13 Mozzjonijiet

16/13/01 Ma kienx hemm

## 16/14 Attivitajiet

16/14/01 Is-Sindku informa lill-Kunsillier prezenti illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kien iltaqa' ma' rapprezentanti tal-Awtorita' Maltija ghat-Turizmu bil-ghan illi jigu dikussi dettalji relatati mal-Malta International Fireworks Festival. Is-Sindku zied jghid illi ghal darb'ohra Marsaxlokk kien gie maghzul sabiex nhar is-16 t'April 2016 tittella' serata mill-imsemmi Festival. B'konnessjoni mal-istess attivita', il-Kunsill Lokali kien hejja programm u ssottometta applikazzjoni bil-ghan illi jinkisbu fondi sabiex apparti l-hruq tan-nar innifsu li kien ser isir a-spejjez tal-Awtorita' Maltija ghat-Turizmu tittella' serata ta' divertiment fi Triq Xatt is-Sajjieda. Sad-data tas-seduta, il-Kunsill Lokali kien ghadu ma rceviex risposta dwar jekk l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali kenitx giet nilqugha.

16/04/02 Is-Sindku qal illi kien jinhtieg illi l-Kunsill Lokali jiehu decizjoni dwar Jum Marsaxlokk ghas-sena 2016 u l-attivitajiet li kienet iggib maghha l-imsemmija okkazjoni. Kien hemm diskussjoni libera dwar il-materja li matulha gew diskussi diversi temi relatati mal-mobli bih fil-passat kienet giet organizzata l-attivita'. Is-Sa. Janice Chetcuti qalet illi fl-opinjoni taghha, il-Kunsill Lokali kellu jimmodifika l-attivita' sabiex tattira aktar nies. Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi s-Sur Brian Bugeja kien avvicinah u infurmah illi kien lest illi jtella' kuncert u talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi din il-proposta tigi amalgamata mal-attivitajiet ta' Jum Marsaxlokk. Huwa zied jghid illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jibdel il-gurnata li fih kien jinzamm Jum Marsaxlokk. Finalment, fuq kunsiderazzjoni tas-Sur Horace Gauci ssekondat mis-Sa. Janice Chetcuti u li ghaddiet b'votazzjoni unanima fost il-Kunsilliera prezenti, intlehaq qbil illi ghas-sena 2016, Jum Marsaxlokk kellu jittella nhar il-Hadd 17 ta' April 2016. Kemm il-darba l-attivita' proposta mis-Sur Brian Bugeja tkun ser tinzamm, din kellha tittella' nhar il-Gimgha 15 ta' April 2016 jew inkella nhar il-Hadd 17 ta' April 2016 waqt Jum Marsaxlokk.

16/14/03 Is-Segretarju Ezekuttiv ghadda dettalji dwar attivitajiet li normalment kienu jittellghu fil-lokalita' b'konnessjoni mal-festa ta' San Girgor li ghall-2016 kienet ser tahbat nhar it-30 ta' Marzu. Is-Sur Hall zied jghid illi fis-snin imghoddija kienet giet imfassla procedura dwar assenjar ta' posti lil kummercjanti li fil-gurnata msemmija kienu joperaw minn Triq Xatt is-Sajjieda u l-madwar. Filwaqt li kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti illi l-attivita' kellha tittella' hekk kif sehh fil-passat, wara diskussjoni libera, gie deciz illi zoni specifici matul Triq Xatt is-Sajjieda jithallew liberi minn posti li jbieghu ikel u xorb.

**16/15 <u>Materji Ohra</u>**

16/15/01 <u>*Boatyard fil-lokalita'*</u>

Is-Sa. Janice Chetcuti fakkret lill-Kunsill Lokali illi kien qieghed joqrob iz-zmien illi fih suppost kellha timmaterjalizza wieghda mill-Gvern Centrali dwar boatyard fil-lokalita' u talbet lill-Kunsill Lokali jikkonferma illi kemm il-darba l-imsemmija wieghda ma timmaterjalizzax kienet ser tinzamm konferenza ghall-istampa hekk kif maqbul f'seduti precedenti.

Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera illi kemm il-darba l-wieghda ta' boatyard f'Marsaxlokk ma' timmaterjalizzax kif imwieghed, il-Kunsill Lokali kellu jaghmel konferenza ghall-istampa qabel it-tmiem ta' Marzu 2016.

16/15/02 <u>*Marki fi Triq Xatt is-Sajjieda*</u>

Is-Sur Steven Grech qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jimmarka permezz ta' studs iz-zona tal-bankina (tan-naha tal-bini) fi Triq Xatt is-Sajjieda li setghet tintuza minn sidien ta' stabbilimenti sabiex jitpoggew imwejjed u sigiijiet. Is-Sur Grech zied jghid illi diga' kien gie ipprezentat sample ta' stud li kien intoghgob mill-Kunsill Lokali.

Wara diskussjoni qasira, fuq kunsiderazzjoni tas-Sur Steven Grech issekondat mis-Sur Horace Gauci, il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi kellu jivvota s-somma ta' €300 sabiex jinxtraw studs halli jibdew isiru marki fil-bankina msemmija hekk kif propost.

16/15/03 <u>*Torri Vendome*</u>

Is-Sur Steven Grech talab lis-Segretarju Ezekuttiv jikkonferma illi litter bin li kien hemm fid-dahla ta' Torri Vendome tnehha u jekk kien il-kaz, tnehhiex fuq talba ta' xi individwu.

Is-Segretarju Ezekuttiv ikkonferma illi l-imsemmi litter bin kien tnehha wara li l-Kunsillier Daniel Zerafa kien baghat e-mail.

16/15/04 <u>*Centru Edukattiv*</u>

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi fic-centru edukattiv kienu ser jittellghu korsijiet tal-kompjuter hekk kif maqbul. Huwa zied jghid illi l-istess fond kien ghadu bla meters tad-dawl u l-ilma u filwaqt li l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet ghamlet l-arrangamenti mehtiega ghad-dawl, kien jinhtieg illi tissolva l-problema tal-ilma. Is-Sur Hall tenna li wara li ddiskuta mas-Sindku u sabiex il-Kunsill Lokali jiffranka l-kera tal-arlogg u l-konsum tal-ilma, kienet qieghda tigi evalwata l-possibilita' illi fuq ic-centru edukattiv jitwahhal tank tal-ilma u l-Kunsill Lokali jimlih permezz ta' bowser.

Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq il-proposta mressqa.

16/15/05 *Water Feature fi Pjazza Madonna ta' Pompei*

Is-Sur Steven Grech talab lill-Kunsill Lokali jiddiskuti deċizjoni li kienet ittieħdet f'seduti precedenti rigward *water feature* li kien hemm fi Pjazza Madonna ta' Pompei. Fir-rigward, is-Sur Grech talab lis-Segretarju Ezekuttiv jispjega fid-dettall l-ispejjez relatati mal-istess water feature mill-2011 sal-2015. Wara li s-Segretarju Ezekuttiv ta rendikont tal-ispejjez hekk kif mitlub, is-Sur Grech irrimarka kif matul is-snin, mizuri li kienha l-Kunsill Lokali kienu ghenu sabiex l-ispiza annwali relatata mal-manutenzjoni ta-water feature kienet tnaqqset sensibilment u talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi l-water feature terga' tibda tithaddem ghaliex kienet qieghda ssir hsara lill-apparat.

Wara diskussjoni libera, fuq kunsiderazzjoni tas-Sur Steven Grech issekondat mis-Sindku, kien hemm qbil unanimu, illi kemm il-darba l-hsara li kellha l-water feature ma kentix teccedi t-€3 000, kellhom isiru t-tiswijiet mehtiega sabiex l-istess water feature terga' tithaddem.

**16/16 Aġġornament**

16/16/01 Is-Seduta spiccat fis-1:00p..m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata għal nhar il-Hamis 17 ta' Marzu 2016 fil-5:00 p.m.

**Horace Gauci**
**Sindku**

**Duncan Hall**
**Segretarju Ezekuttiv**

Data 17/3/16

**MARSAXLOKK**

Kunsill Lokali - Marsaxlokk - Local Council
2 Triq Vittorio Cassar
Marsaxlokk MXK 1051
Tel 21652525, 21650937, Fax 21659555
e-mail : marsaxlokk.lc@gov.mt

## Lill-Membri kollha tal-Kunsill

## Laqgħa tal-Kunsill

Inti ġentilment mitlub biex tattendi laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk li ser issir fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, **nhar it-Tnejn 8 ta' Frar 2016 fil-5:00p.m.**

Duncan Hall
Segretarju Eżekuttiv

Illum it-27 ta' Jannar 2016
Nru 16

## Aġenda

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti mqajjma mill-Minuti
3. Komunikazzjonijiet tas-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Korrispondenza
6. Materji u rapporti tal-Kumitati/Sotto-Kumitati
7. Rapporti minn Uffiċjali u membri tal-Kunsill Lokali
8. Materji Finanzjarji
9. Sejħiet għall-offerti/kwotazzjonijiet
10. Approvazzjoni ta' ħlasijiet
11. Approvazzjoni ta' petty cash
12. Approvazzjoni ta' works/purchase orders
13. Mozzjonijiet
14. Attivitajiet
15. Materji oħra
16. Aġġornament tal-laqgħa

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, seduta nru 16, li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tnejn 8 ta' Frar 2016, fil-5:00 pm.

1. **Prezenti** :

| | |
|---|---|
| Sindku | Horace Gauci (H.G.) |
| Vici-Sindku | Steven Grech (S.G.) |
| Kunsilliera | Daniel Zerafa (D.Z.)<br>Janice Chetcuti ( J.C.) |
| Skuzat | Stephen Caruana (S.C.) |
| Segretarju Ezekuttiv | Duncan Hall (D.H.) |

Membri tal-pubbliku prezenti : 0

**Agenda ghal-laqgha :**

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti mqajjma mill-Minuti
3. Komunikazzjonijiet tas-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Korrispondenza
6. Materji u rappori minn kumitati/sotto-kumitati
7. Rapporti minn ufficjali u membri tal-Kunsill Lokali
8. Materji Finanzjarji
9. Sejhiet ghall-offerti/kwotazzjonijiet
10. Approvazzjoni ta' hlasijiet
11. Lista ta' petty cash
12. Lista ta' works orders/purchase orders
13. Mozzjonijiet
14. Attivitajiet
15. Materji oħra
16. Aġġornament

**Talba**

Is-Sur Horace Gauci flimkien ma' dawk prezenti qal it-talba

**16/01** **Qari tal-Minuti**

16/01/01 Kopji tal-Minuti tas-Seduta precedenti, seduta numru 15, kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgha u ghaldaqstant il-Minuti ittiehdu bhala moqrija

16/01/02 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sa. Janice Chetcuti issekondata mis-Sur Horace Gauci, il-minuti gew approvati b'votazzjoni unanima.

16/01/03 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti bħala dokument korrett.

16/01/04 Is-Segretarju Ezekuttiv pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali kopja tal-Minuti tal-laqgha annwali tal-lokalita' li kienet inzammet fit-3 ta' Frar 2016

16/01/05 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Steven Grech issekondata mis-Sur Horace Gauci, il-minuti gew approvati b'votazzjoni unanima

16/01/06 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti bħala dokument korrett.

**16/02** ***Arisings* mill-Minuti**

15/02/01 Is-Sa. Janice Chetcuti staqsiet lill-Kunsill Lokali jekk kiex hemm xi zviluppi rigward minuta 15/16/02 li kienet tikkoncerna infurzar min-naha tal-pulizija.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi, minkejja li kif maqbul kienet intbaghtet korrispondenza dwar il-materja, sad-data tas-seduta il-Kunsill Lokali ma kien ircieva ebda risposta. Segwiet diskussjoni libera, li matulha gew diskussi diversi materji relatati mal-infurzar, ewlenija fosthom problema li kien hemm fi Triq Xatt is-Sajjieda b'konnessjoni ma parking bays li allegatament kienu saru minghajr l-awtorizzazzjonijiet mehtiega. Dwar il-materja, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jiccekkja tajjeb il-sitwazzjoni u kemm il-darba jirrizulta illi effettivament ix-xoghol imsemmi ma kienx sar bil-permessi mehtiega jittiehdu passi immedjati sabiex is-sitwazzjoni tigi ratifikata. Min-naha tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jinforma lil Transport Malta u lill-korp tal-pulizija bl-azzjoni li kienet ser tkun qieghda tittiehed. Transport Malta kellha tigi mitluba tevalwa l-possibilita' illi jinhareg permess temporanju ghall-iskema ta' parkegg ezistenti.

16/02/02 Is-Sur Steven Grech qal illi xtaq jaghti rendikont lill-Kunsill Lokali dwar minuta 15/16/03 li kienet tikkoncerna decizjoni li kienet ittiehdet mill-Kunsill Lokali rigward bollards li kien hemm fi Triq Xatt is-Sajjieda. Is-Sur Grech zied jghid illi x-xoghol fuq l-imsemmija bollards kien miexi b'ritmu tajjeb, minkejja li kien hemm xi individwi li ma kienux hadu gost bl-inizjativa u kienu wrew id-dizappunt taghhom. Is-Sur Grech zied jghid illi kien gie innotat illi bollards li ma kienux twahhlu b'mod fiss kienu qieghdin jinqalghu u ma jitpoggewx f'posthom. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti illi kellha tintbaghat ittra lil individwi li jaghmlu uzu miz-zona sabiex jigu infurmati illi kemm il-darba is-sitwazzjoni tibqa' tirrepeti ruhha, il-Kunsill Lokali ma kien ser ikollu ebda triq ohra hlief illi jara illi l-imsemmija bollards jigu mwahhla b'mod fiss.

F'dan l-istadju dahal ghas-seduta is-Sur Daniel Zerafa (5:50 p.m.)

16/02/03 Is-Sur Grech zied jghid illi b'referenza ghal-minuta 15/16/11 li kien ikkonsulta mal-Kunsilliera kien inkiseb *sample* ta' stud sabiex il-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi tigi mmarkata z-zona riservata ghall-pedonali fil-bankina ta' Triq Xatt is-Sajjieda (in-naha tal-bini). Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti illi l-*istud* li kien ipprezenta s-Sur Grech kien jissodisfa l-pjan li kellu l-Kunsill Lokali u kellu jinbeda' l-process sabiex l-inizjativa tigi implimentata.

**16/03** **Komunikazzjonijiet tas-Sindku**

16/03/01 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi matul ix-xhur ta' Jannar u Frar 2016 kellu diversi laqghat rigward thawwil ta' 300 sigra fil-lokalita' kif ukoll rilokazzjoni ta' sigar taz-zebbug li kien hemm fiz-zona ta' Triq il-Port Ruman u li kienu qieghdin joholqu inkonvenjent lir-residenti.

16/03/02 Is-Sindku qal illi nhar it-13 ta' Jannar 2016 kellu laqgha mal-Onor. Ian Borg li matulha giet diskussa l-possibilita' illi jsir xoghol fuq toroq f'Delimara permezz ta' fondi tal-Unjoni Ewropeja.

16/03/03 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv, nhar it-22 ta' Jannar 2016 kellu laqgha mas-Sur Roderick Zammit mill-Awtorita' Maltija ghat-Turizmu li matulha giet diskussa serata mill-Malta International Fireworks Festival. Is-Sur Gauci zied jghid illi ghall-2016 is-serata ta' Marsaxlokk kienet ser tkun qieghda tittella' nhar is-16 t'April 2016.

16/03/04 Is-Sur Horace Gauci qal illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv u l-Kunsilliera maghzula nhar is-27 ta' Jannar 2016 kellu laqgha tal-Kumitat tal-Finanzi tal-Kunsill Lokali. Is-Sur Gauci zied jghid illi matul l-istess laqgha kienu bdew jigu diskussi l-estimi finanzjarji ghall-2016.

16/03/05 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar it-28 ta' Jannnar 2016, kienet inzammet laqgha tal-bord tal-immaniggjar tal-park ta' Xrobb l-Ghagin. Is-Sur Gauci zied jghid illi l-Kunsill Lokali kien gie mitlub xi tabelli sabiex jindikaw id-direzzjoni tal-imsemmi park fiz-zona ta' Delimara.
Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni ghat-talba mressqa.

16/03/06 Is-Sindku qal illi it-28 ta' Jannar 2016 kellu laqgha mal-Ministeru ghall-Energija u s-Sahha li matulha kienu gew konkluzi diversi temi relatati mal-pjan ta' rigenerazzjoni ghal Marsaxlokk. Is-Sur Gauci zied jghid illi waqt l-istess laqgha kienu gew diskussi u rizolti problemi relatati ma proposta ta' parkegg biswit grawnd tal-futbol li kien hemm fi Triq it-Trunciera.

16/03/07 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar id-29 ta' Jannar 2016, flimkien mal-Kunsilliera Janice Chetcuti, kien attenda ghall-ftuh ta' ufficcju tal-Kumpanija Sapphire Real Estate fil-lokalita'.

16/03/08 Is-Sindku qal illi nhar id-29 ta' Jannar 2016, waqt laqgha tar-Regjun Xlokk kien gie diskuss xoghol li seta' jsir fil-lokalitajiet li jiffurmaw parti mir-Regjun permezz ta' haddiema li l-istess Regjun Xlokk kellu assenjati mieghu. Is-Sur Gauci zied jghid illi waqt l-istess laqgha, kienu inghataw dettalji dwar l-attivita' '*Peagant of the seas*' li kienet ser tittella' nhar is-7 ta' Gunju 2016 gewwa l-belt Valletta.

16/03/09 Is-Sur Horace Gauci qal illi hekk kif ippjanat kienet inzammet il-laqgha annwali tal-lokalita' nhar it-3 ta' Frar 2016. Is-Sur Gauci zied jghid illi fl-opinjoni tieghu kien ta' dizappunt il-fatt illi kien hemm xi kunsilliera li ma kienux attendew ghall-imsemmija laqgha.

16/03/10 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nar il-5 ta' Frar 2016, kienet inzammet laqgha mill-Ministeru ghat-Trasport u Infrastruttura li matulha il-Kunsilli Lokali

kienu gew ifnurmati bil-bidliet li kien hemm fis-sistema tat-trasport pubbliku pu eventwali problemi li kienu gew individwati. Is-Sur Gauci zied jghid illi b'konnessjoni mal-istess tema, il-Ministru Joe Mizzi kien ta lill-Kunsilli Lokali spazju sabiex iressqu l-ilmenti u suggerimenti taghhom minkejja li ma kienux gew proposti soluzzjonijiet

| | | |
|---|---|---|
| **16/04** | **<u>Mistoqsijiet lis-Sindku</u>** |

16/04/01 Ma kienx hemm

**16/05** **Korrispondenza**

16/05/01 Permezz ta' notifiki datati 13, 20 u 27 ta' Jannar 2016 u ta' Frar 2016, l-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar habbret li kienet irceviet applikazzjonijiet ghal zvilupp bin-numri PA/03081/15, PA/00144/16, PC004/16, PA/0044715 u PA0014/16.
Wara li gew evalwati l-imsemmija applikazzjonijiet ghal zvilupp kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni.

16/05/02 Permezz ta' e-mail datat 5 ta' Frar 2016, is-Sur Ryan Butigieg talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jwahhal bollards fi Triq il-Kuncizzjoni bil-ghan illi trakkijiet u vetturi kbar ma jitilghux fuq il-bankina ghaliex kienet qieghda ssir hsara u jigi evitat periklu.
Wara li ddiskuta t-talba tas-Sur Buttigieg, il-Kunsill Lokali qabel illi ma kellhomx jitwahhlu bollards hekk kif mitlub.

16/05/03 Permezz ta' e-mail datat 7 ta' Frar 2016, is-Sa. Antoinette Schembri minn ALP Paola, talbet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possiblita' li jawtorizza studenti mill-imsemmi centru jaghmlu work experience gewwa l-librerija ta' Marsaxlokk bejn nhar it-3, 10 u 17 ta' Marzu 2016.
Wara diskussjoni qasira, u in-vista tal-fatt illi l-librara ta' Marsaxlokk kienet diga' giet infurmata u ma sabet ebda oggezzjoni, il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi l-inizjativa kienet valida u kellha tigi approvata.

16/05/04 Permezz ta' e-mail datat 26 ta' Jannar 2016, is-Sur Adrian Burnell talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi johroglu permess sabiex ikun jista' jpoggi vending machine fi Triq Xatt is-Sajjieda (biswit Tourist Information Office).
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti illi s-Sur Burnell kellu jintalab aktar dettalji.

16/05/05 Permezz ta' e-mail datat 4 ta' Frar 2016, is-Segretarju Ezekuttiv, f'isem il-Kunsill Lokali baghat reminder lill-Ministru Owen Bonnici dwar wieghda li kienet saret sabiex tinstab soluzzjoni ghal problema ta' karrijiet u dghajjes mitluqa fil-lokalita' minghajr permessi.
Fuq mistqoqsijiet tal-Kunsilliera, is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb illi l-Kunsill Lokali kien ghadu ma rcieva ebda risposta.

16/05/06 Permezz ta' e-mail datat 4 ta' Frar 2016, il-Kunsill Lokali talab lill-Onor. Gavin Gulia jidentifika gurnata u hin sabiex issir laqgha mal-Kunsill Lokali dwar proposta ta' ghajnuna rigward latrini pubblici

Fuq mistqoqsijiet tal-Kunsilliera, is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb illi l-Kunsill Lokali kien ghadu ma rcieva ebda risposta.

16/05/07 Permezz ta' ittra datata 11 ta' Jannar 2016, is-Segretarjat Parlamentari ghall-Gvern Lokali informa lill-Kunsill Lokali b'dikjarazzjoni ta' akkwist ta' art li kien inhareg mill-President ta' Malta fil-lokalita'.

16/05/08 Permezz ta' ittra datata 15 ta' Jannar 2016, is-Sur Carmel Abela, direttur ghad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali informa lill-Kunsill Lokali illi l-applikazzjoni sottomessa mill-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk b'konnessjoni ma' Memo11/2015 ma kenitx giet accettata.

16/05/09 Permezz ta' ittra li waslet fl-ufficcju tal-Kunsill Lokali nhar id-19 ta' Jannar 2016, l-awtorita' Maltija ghat-Turizmu talbet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi tinhareg ittra ta' no objection ghat-tqeghid ta' mwejjed u siggijiet mill-istabbiliment La Reggia fi Triq Xatt is-Sajjieda.
Wara li giet evalwata t-talba l-Kunsill Lokali unanimament qabel illi ma kellux japprova t-tqeghid ta' mwejjed u siggijiet abbazi tal-fatt illi quddiem l-imsemmi stabbiliment kien hemm zona riservata ghas-sajjieda u ghaldaqstant ma setghux jitpoggew imwejjed u siggijiet. Apparti minn dan gie stabbilit illi sid l-imsemmi negozju kien diga' qieghed ipoggi mwejjed u siggijiet b'mod illegali. L-istess individwu kien qieghed ukoll b'mod abuziv, ihalli bin-on-wheel fit-triq.

16/05/10 Permezz ta' nota li waslet fl-ufficcju tal-Kunsill Lokali f'Jannar 2016, is-Sur Mikiel Spiteri talab illi tigi nstallata lampa fi Triq Delimara.
Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi s-Sur Spiteri kellu jigi mitlub jispecifika f'liema zona tat-triq kien qieghed jitlob illi tigi mwahhla l-lampa.

16/05/11 Permezz ta' e-mail datat 5 ta' Frar 2016, is-Segretarju Ezekuttiv informa lis-Sur Ronald Attard Pullicino minn Transport Malta illi filwaqt li l-Kunsill Lokali kien jaqbel mal-proposta tal-istess Transport Malta dwar drop off/pick up point biswit Tourist Information office li kien hemm fi Triq Xatt is-Sajjieda, kien hemm oggezzjoni ghal *boarding/alighting* ta' passiggieri minn coaches fl-istess zona. Is-Sur Hall zied jghid illi s-Sur Attard Pullicino kien wiegeb lura lill-Kunsill Lokali u kien qal illi fil-passat kien hemm qbil bejn Transport Malta u l-Kunsill Lokali dwar iz-zewg proposti.
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jzomm mad-decizjoni originali u ma jaccettax illi jsir *boarding/alighting* ta' passiggieri minn coaches fi Triq Xatt is-Sajjieda.

16/05/12 Permezz ta' e-mal datat 5 ta' Frar 2016, il-Kunsill Lokali gibed l-attenzjoni tal-kolletturi tal-iskart imhallat rigward nuqqasijiet fis-servizz li kien qieghed jigi moghti mill-kumpanija.
Kien hemm diskussjoni libera dwar il-materja li matulha gew diskussi n-nuqqasijiet tal-kumpanija msemmija. Intlehaq qbil illi kellha ssir sorveljanza tas-servizzi li jircievi l-Kunsill Lokali sabiex fis-seduta segwenti tkun tista' ssir evalwazzjoni.

16/05/13 Permezz ta' applikazzjoni datata 26 ta' Jannar 2016, is-Sur Joseph Bugeja talab lill-Kunsill Lokali permess sabiex itella' l-opra tal-bahar tieghu fuq l-art fi Triq Xatt is-Sajjieda bejn it-30 ta' Jannar 2016 u l-15 ta' Marzu 2016.
Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni ghat-talba tas-Sur Bugeja.

16/05/14 Permezz ta' applikazzjoni datata 25 ta' Jannar 2016, is-Sur Adrian Caruana talab lill-Kunsill Lokali permess sabiex itella' l-opra tal-bahar tieghu fuq l-art fi Triq Xatt is-Sajjieda bejn l-1 ta' Frar 2016 u l-15 ta' Marzu 2016.
Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni ghat-talba tas-Sur Caruana.

16/05/15 Permezz ta' memo 06/2016, datat 5 ta' Frar 2016, id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali talab lill-Kunsilli Lokali sabiex kemm il-darba ikun possibbli jimmodifika l-hin ta' gbir ta' skart mil-lokalita' bil-ghan illi jitnaqqas it-traffiku mit-toroq f'hinijiet specifici matul il-gurnata.
Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti illi l-gbir ta' skart f'Marsaxlokk ma kienx johloq inkonvenjent ghat-traffiku u s-sewwieqa u ghaldaqstant is-servizz kellu jibqa' jsehh fil-hin stabbilit.

16/05/16 Permezz ta' e-mail datat 8 ta' Frar 2016, is-Sindku f'isem il-Kunsill Lokali talab lis-Sur Hermann Galea minn MSDEC jevalwa l-possibilita' illi fiz-zona ta' Triq il-Port Ruman isir xi tindif bil-ghan illi jithawlu 300 sigra li dwarhom kien hemm qbil bejn il-Parcs Unit, l-istess Kunsill Lokali u l-Malta Developers Association.

16/05/17 Permezz ta' e-mail datat 8 ta' Frar 2016, is-Sur Lucio Mule', f'isem l-Universita' ta' Malta informa lill-Kunsill Lokali illi ISE kienet interessata tiehu hsieb ir-rilokazzjoni ta' 17 il-sigra taz-zebbug li kienu jinstabu fi Triq il-Port Ruman.
